# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2024**

**Avviż numru: 3/2023 BS**

**Carmelo Portelli u martu Micheline Portelli**

**-vs-**

**Cedric Bartolo u martu Leanne Bartolo sidien ta' u eżerċenti n-negozju CK Construction Supplies**

**Il-Qorti;**

**Rat l-Avviż** fejn Carmelo Portelli u martu Micheline Portelli talbu lill-konvenuti Cedric Bartolo u martu Leanne Bartolo jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannti li previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja inkluż dik li l-konvenuti flimkien bħala konjuġi jew min minnhom, m'adempixxewx ruħhom mal-obbligi li kien daħal għalihom ir-raġel Cedric Bartolo li jesegwixxi xogħol ta' twaħħil ta' twieqi u bibien tal-Upvc u ta' ħġieġ, magħdud il-prezz tal-materja prima u tax-xogħol, liema xogħol sar b'appalt li kellu jiġi esegwit fid-dar tal-atturi fi Triq Santa Marija, ix-Xewkija, u li dan ix-xogħol il-konvenut kien talab u rċieva mingħand l-atturi s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) rappreżentanti tali somma depożitu mħallas akkont ta' prezz għax-xogħol imsemmi, liema xogħol baqa' sal-lum sena wara mhux ikkonsenjat meta kellu jkun

ikkonsenjat u l-appalt lest minn kollox sa sitt xhur mill-ħlas ta' tali depożitu.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti gew notifikati bl-atti permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.[1]

Rat li l-konvenuti baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta ghat-talbiet ta l-atturi.

Rat l-affidavits ta l-atturi.[2]

Rat li fis-seduta tad-19 ta Ottubru, 2023 l-atturi ipprezentaw kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tat-8 ta Novembru, 2023 infethu u inqraw il-kapitoli u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Permezz tal-kawza odjerna l-atturi konjugi Portelli jghidu li bejnhom u l-konvenuti kien hemm kuntratt ta appalt liema kuntratt ma giex esegwit. Jghidu li huma hallsu lill-konvenut is-somma ta €8000 bhala depozitu akkont tal-prezz ghax-xogholijiet li kellhom jsiru fil-propjeta taghhom fix-Xewkija. Jghidu wkoll li sal-lum ix-xoghol ghadu ma sarx meta il-ftehim kien li x-xoghol kellu jitlesta kollu sa sitt xhur mill-hlas tad-depozitu msemmi.

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm notifikati bit-talba ta l-atturi l-konvenuti ma pprezentaw l-ebda risposta u ghalhekk irrendew ruhhom kontumaci.

[1] A fol 29 sa fol 43 tal-process
[2] A fol 46 sa fol

Minbarra f'dan l-atturi ipprezentaw ukoll kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti liema kapitoli infethu w inqraw fis-seduta tat-8 ta Novembru, 2023.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati. [3]

Billi l-konvenuti naqsu u ma deherux la meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas fis-seduta tat-8 ta Novembru, 2023 meta l-kapitoli infethu u inqraw, l-istess kapitoli ghalhekk jirrizultaw misthoqqa u ghandhom jigu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra.

**Decide.**

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-ragunijiet hawn moghtija l-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici in toto u tordna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi is-somma komplessiva ta tmint elef ewro (€8000), bl-imghaxijiet mis-17 ta Frar, 2022 sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju a karigu tal-konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[3] Artikoli 698 u 702 (3) (b) tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta.